MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tal-25 ta' Jannar, 2012

Appell Kriminali Numru. 228/2011

**Il-Pulizija**

**v.**

**Anthony Caruana**
**Joseph Caruana**

Il-Qorti,

**1.** Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Anthony Caruana u Joseph Caruana talli fil-5 ta' Novembru 2009 u fil-granet ta' qabel din id-data f' dawn il-Gzejjer, caqalqu illegalment, annimali u dan bi ksur ta' l-artikolu 35(1)(c)(iii) tal-Kap 437 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba li barra l-piena skond il-ligi, tordna l-konfiska ta' l-oggetti esebiti kif ukoll is-sospensjoni tal-licenzja ghal zmien ta' mhux anqas minn sena;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-11 ta’ Mejju 2011 li permezz taghha dik il-Qorti wara li rat l-artikolu 35(1)(c)(iii) tal-Kapitolu 437 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-imsemmijin Anthony Caruana u Joseph Caruana hatja ta’ l-imputazzjoni dedotta u kkundannathom multa ta’ elfejn euro (€2,000) kull wiehed;

**3.** Rat ir-rikors ta’ appell ta’ Anthony Caruana u Joseph Caruana pprezentat fit-18 ta’ Mejju 2011 li permezz tieghu talbu li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata u tilliberahom minn kull htija u piena;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawza; rat il-fedina penali aggornata ta’ l-appellanti esebiti mill-prosekuzzjoni b’ordni ta’ din il-Qorti; semghet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-ewwel aggravju ta’ l-appellanti huma s-segwenti:

“1. Il-Kap. 437 tal-Ligijiet ta’ Malta fl-artikolu 7 jaghti poter lill-ministru li jaghmel regolamenti dwar ic-caqliq ta’ l-annimali. L-avukat sottoskritt fittex fil-lista kollha tar-regolamenti illi saru taht il-Kap. 437 pero` l-ebda wiehed minnhom ma juri illi sar taht l-artikolu 7 ta’ l-istess ligi. Hafna mir-regolamenti jidher illi huma dawk mahrugin mill-Unjoni Ewropeja. L-artikolu 35(1) jaghmel l-iktar enfasi fuq l-iskop tac-caqliq ta’ l-annimali minhabba illi jkun hemm il-kwistjoni tal-mard. Ikun kontro-sens illi tghid illi annimal jiccaqlaq u sidu jkun hati ghalih. Is-soluzzjoni tkun illi jibbalzmah halli zgur ma jiccaqlaqx u ma jiksirx difrejh mal-ligi illi ggiblu piena ta’ tlieta u ghoxrin elf euro.

“Illi mbaghad jekk wiehed jezamina l-artikolu 35(1)(c)(iii) isib illi din hija necessarjament marbuta ma’ l-artikolu 7 u regolamenti li seta’ ghamel il-Ministru illi qatt ma ghamel. Ghalhekk kemm fid-definizzjoni u kemm fil-parametri tar-reat ma hemmx il-ligi illi tikkreja dan ir-reat.”

**6.** L-ewwelnett jigi osservat illi l-artikolu fil-Kap. 437 li jitkellem dwar ic-caqlieq ta’ annimali huwa l-artikolu 8 u mhux l-artikolu 7. Difatti, filwaqt illi l-artikolu 7 jipprovdi illi

l-Ministru jista' jippreskrivi regoli sabiex jistabbilixxi sistemi ghall-identifikazzjoni u r-registrazzjoni ta' annimali, l-artikolu 8 jipprovdi illi l-Ministru jista' jippreskrivi regoli li jirrigwardaw il-kondizzjoniijiet tas-sahha li ghandhom jigu osservati f'dak li ghandu x'jaqsam mac-caqlieq ta' annimali hajjin u prodotti germinali. Din il-Qorti wkoll ezaminat il-lista ta' regolamenti promulgati u, kuntrarjament ghal dak li jghidu l-appellanti, bis-sahha ta' l-artikolu 7 saru r-Regoli dwar l-Identifikazzjoni u r-Registrazzjoni ta' Annimali permezz ta' l-Avviz Legali 292 tas-sena 2005. Ma jirrizultax, pero`, li saru regolamenti skond l-artikolu 8. Joseph Zammit jirreferi ghal Council Regulation (EC) No 21/2004. Bhala tali din hija *directly effective*. L-artikolu 6 ta' dak ir-Regolament jitkellem dwar ic-caqlieq ta' annimali li ghalihom japplika dak ir-Regolament, cioe` ovini u kaprini, u l-htiega li *"whenever an animal is moved within the national territory between two separate holdings"*, dawn ikunu akkompanjati b'*"movement document"* Issa, l-paragrafu (c) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 35 tal-Kap. 437 jipprovdi li l-persuni msemmija fl-imsemmi subartikolu ghandhom josservaw kull obbligazzjoni imposta taht l-Att li ghandha x'taqsam ma' mard li jittiehed, u jimplimentaw regoli relattivi. Dan il-paragrafu mbaghad ikompli jghid li **"minghajr pregudizzju ghall-generalità ta' dak hawn qabel imsemmi, dawk il-persuni ghandhom"**, *inter alia*, **"(iii) jidentifikaw u jirregistraw annimali, u jiddikjaraw c-caqlieq ta' annimali li jkunu taht ir-responsabbiltà taghhom"** (fit-test Ingliz *"identify and register animals, and declare the movements of animals for which they are responsible"*). L-artikolu 57, imbaghad, li huwa l-artikolu applikabbli ghal dik li hi piena, jipprovdi illi min jikser xi disposizzjoni ta' l-Att li dwarha m'hemm provdut ebda piena specifika, "ikun hati ta' reat u jehel…." Ghalhekk, kull min ma jiddikjarax ic-caqlieq ta' annimali jkun hati ta' reat. Il-ligi ma tiddefinix "caqlieq", izda evidentement mhuwiex ic-caqlieq ta' l-annimali minn naha ghall-ohra ta' ghalqa fejn ikunu qeghdin jirghu izda, ez. ic-caqlieq minn farm ghall-iehor.

**7.** It-tieni aggravju ta' l-appellanti jirrigwarda l-mertu. L-appellanti jghidu:

“2. Illi fil-mertu ghandu jinghad illi waqt illi telghu d-Dipartiment, daqqa qalulu illi kellu certu numru ta’ annimali neqsin u ftit wara jghidulu illi dawn l-annimali nstabu fuq ir-razzett.

“Anthony Caruana xehed u qal illi meta huwa jiehu annimal ghal qatla l-biccerija, huma l-istess awtoritajiet tal-biccerija illi jinfurmaw bid-distruzzjoni ta’ l-annimal. Hekk ukoll meta jkun hemm annimal illi jmut. Huma l-awtoritajiet illi jiehdu t-tags illi jkollhom l-annimali u d-dipartiment jirrapporta lilu nnifsu.

“Ghaldaqstant din il-verzjoni kienet kredibbli u ma tistax l-inkompetenza ta’ dipartiment tpoggi fuq l-individwu illi ma jinghata l-ebda certifikat illi l-bhejjem irritornahom ghal qatla l-biccerija jew ghad-distruzzjoni. Dan gara f’dan il-kaz ghal xi bhejjem illi kien hemm.”

**8.** L-appellanti gew akkuzati li “fil-5 ta’ Novembru 2009 u fil-granet ta’ qabel din id-data”, f’dawn il-Gzejjer, caqalqu annimali llegalment. Mill-prosekuzzjoni gew esebiti diversi dokumenti li uhud minnhom jirreferu ghal dati differenti minn dik specifikata fl-imputazzjoni u ghalhekk huma rrilevanti ghall-iskop ta’ dan il-kaz. Li huma rilevanti huma d-dokumenti li jirreferu ghall-ispezzjoni li saret fil-5 ta’ Novembru 2009. Minn dik l-ispezzjoni rrizulta li kien hemm zewg moghziet neqsin (ara rapport a fol. 24 – 26). B’ittra tad-9 ta’ Frar 2010 (a fol. 23) l-appellanti
gew akkuzati mid-Direttur Generali tat-Taqsima ta’ Regolament Veterinarju, Konservazzjoni u Kontroll tas-Sajd, li minhabba tali nuqqas dan kien ifisser li huma kienu ttrasferew l-annimali in kwistjoni minghajr il-permessi necessarji u b’hekk kisru r-regolament ta’ l-Avviz Legali 311 tas-sena 2005 u r-Regolament tal-Kunsill Ewropew (EC) 21/2004. Kif diga` osservat r-Regolament tal-Kunsill Ewropew (EC) 21/2004 huwa applikabbli. L-istess ma jistax jinghad ghall-Avviz Legali 311 tas-sena 2005 li t-titolu tieghu huwa **Regoli dwar l-Identifikazzjoni u r-Registrazzjoni ta’ Annimali Bovini u t-Tikkettjar tac-Canga**, li kif jinghad fit-titolu u fid-definizzjoni kontenuta fir-regolament numru 2 ta’ dak l-Avviz Legali,

jittratta “annimali bovini”. Il-kontenut ta’ l-imsemmija ittra gie kontestat b’ittra ta’ l-avukat ta’ l-appellanti (l-Avukat Dottor Joseph Brincat) datata l-1 ta’ Marzu 2010 (a fol. 22). Sussegwentement l-imsemmi Direttur Generali wiegeb b’ittra tat-12 ta’ Lulju 2010 fejn informa lill-Avukat Brincat li d-Direttorat rega’ vverifika d-dokumenti u rega’ ghamel spezzjoni fir-razzett u nstab annimal wiehed mill-hamsa li kienu ndikati nieqsa.

**9.** Issa, fl-ittra tad-9 ta’ Frar 2010 gew indikati n-numri ta’ l-annimali (il-moghziet) neqsin, u cioe` 0036015 u 0212017. Fl-ittra tat-12 ta’ Lulju 2010 inghataw in-numri ta’ l-annimali li kienu ghadhom neqsin, fosthom in-numru 0212017. Dan ifisser illi l-moghza bin-numru 0036015 ma kinitx registrata aktar bhala nieqsa u ghalhekk il-konkluzjoni li ghamel id-Direttorat li dik il-moghza kienet giet trasferita, kienet konkluzjoni zbaljata. Il-mistoqsija allura hija, x’sar mill-moghza rimanenti? Fid-dawl tal-fatt li moghza wahda tfaccat, tista’ din il-Qorti tikkonkludi li l-ohra giet trasferita minghajr ma saret d-dikjarazzjoni appozita mill-appellanti? Il-ligi ma tohloq l-ebda presunzjoni. L-appellanti sahqu li ma ttrasferew l-ebda moghza kontra l-ligi. Fic-cirkostanzi din il-Qorti ma tistax hlief tikkonkludi li l-prosekuzzjoni naqset milli tipprova lil hinn minn kull dubju ragjonevoli li l-appellanti caqilqu llegalment l-moghza bin-numru 0212017.

**10.** Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa’ l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata, tiddikjara lill-appellanti mhux hatja ta’ l-imputazzjoni dedotta u b’hekk tilliberahom mill-istess imputazzjoni u minn kull piena.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------